

Brussell, 24 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14765/24

STATIS 112
ECOFIN 1182

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-referenzi għall-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill – Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet għal att delegat

1. Fit-2 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-referenzi għall-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ST 13036/24 + ADD 1), f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 290 TFUE u mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani.

2. Billi l-Kummissjoni nnotifikat l-att delegat imsemmi hawn fuq u l-Anness tiegħu fit-2 ta' Settembru 2024, il-Kunsill jista' joġġezzjona għalih sat-2 ta' Diċembru 2024, f'konformità mal-Artikolu 10(6) tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani.
3. Matul il-proċedura ta' silenzju fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika, li għalqet fit-30 ta' Settembru 2024, l-ebda delegazzjoni ma indikat l-intenzjoni li toġġezzjona għall-att delegat.
4. Huwa għalhekk issuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma għandu l-ebda intenzjoni li joġġezzjona għall-att delegat u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu infurmati b'dan. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax għalih, l-att delegat, flimkien mal-Anness tiegħu, għandu jiġi ppubblikat u jidħol fis-seħħ skont l-Artikolu 10(6) tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani.